MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
John Vella, iben Joseph, imwieled
Mellieħa fis-27 ta' frar, 1952

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, bejn it-22 ta' lulju, 1997 u is-17 ta' settembru, 1999 bħala detentur jew amministratur tal-fond magħruf bħala 'Super Value Self Service', fi Triq il-Kbira, Mellieħa b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa, li wieħed seta' kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' kurrent elettriku, ikkometta serq ta' kwantita' ta' dawl elettriku għad-dannu tal-Korpor-

azzjoni Enemalta liema serq jammonta għal elf tlett mija u disgħa u erbgħin liri maltin tnejn u erbgħin ċentesimu u seba' millesimi (Lm1,349.42,7), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont;
2. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq, ħwejjeġ ħaddieħor, cioe', meter tad-dawl, liema ħsara ma tiskorriex il-ħamsin lira maltin (Lm50) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' jannar, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
(a) fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 325 u 326 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-18 ta' settembru, 1999, impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta marru fil-post hawn fuq imsemmi u għamlu 'surprise inspection'. Huma ispezzjonaw il-meter tad-dawl fil-prezenza ta' l-imputat u sabu li l-meter kien qed jirreġistra l-konsum iżda sabu l-base cover tal-meter miksur b'mod li l-viti u is-shunts setgħu jitbagħbsu.

Illi minħabba dan il-fatt sar rapport lill-pulizija li min-naħa tagħhom infurmaw

lill-Maġistrat biex issir inkjesta.  L-espert imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti kkonkluda li "…il-mod kif kien miksur il-base sata' sar tbagħbis fis-shunts
tal-meter għalkemm is-siġilli kienu ntatti."  Din id-deskrizzjoni tindika li l-espert ma kienx konvint mija fil-mija li l-imputat seraq id-dawl elettriku.

Illi r-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta spjega lill-Qorti li l-konsum tad-dawl kien naqas għal perjodu in eżami u għalhekk k1n ċar, fil-fehma tiegħu, li l-imputat kien qed jabbuża bil-fatt li il-base kien miksur biex jisraq id-dawl.

Illi min-naħa tiegħu l-imputat, fix-xhieda tiegħu, spjega kif seta' inkiser dan il-base għaliex hu kien ġibed il-wires mill-main għaliex kien mar id-dawl u ma setgħax iwaqqaf l-alarm b'xejn.  Hu kien informa lill-Korporazzjoni b'dan li bagħtu n-nies li qalu lill-imputat li kien inħaraq il-fuse.  Huma biddlu l-fuse.  Dan ġara ftit xhur qabel ma saret is-'surprise inspection'.  Minbarra dan, l-imputat xehed li fil-perjodu meritu ta' din il-kawża, il-ħanut kien qed jinzamm miftuħ tlett siegħat inqas kuljum u ma kienux qed jintuża apparat elettriku għaliex hu ma riedx iħallas kontijiet iktar għolja.

Illi l-ispjegazzjoni li forna l-imputat hi waħda kredibbli u għalhekk jiġi li xejjen
il-presunzjoni tal-liġi li tqiegħed l-obbligu tal-prova fuq l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------